DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' April 2010

li tagħti lil-Lussemburgu deroga parzjali mid-Deċiżjoni 2006/66/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema ta' "mezzi fuq il-binarji – storbju" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (traduzzjoni mhux uffiċjali) u mid-Deċiżjoni 2006/861/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema ta' "mezzi fuq il-binarji – vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (traduzzjoni mhux uffiċjali)

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2546)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2010/234/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba li ressaq il-Lussemburgu fit-23 ta' Settembru 2009,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 9(1)(d) tad-Direttiva 2008/57/KE, fit-23 ta' Settembru 2009 il-Lussemburgu ressaq talba għal deroga parzjali mid-Deċiżjoni tal-Kumissjoni 2006/66/KE [2] (TSI għall-Istorbju) u mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE [3] (TSI għall-Vaguni tal-Merkanzija), għal vaguni tat-tip NA u AFA tal-kumpanija LOHR.

(2) Din it-talba għal deroga tikkonċerna l-vaguni tal-merkanzija użati għat-trasport ta' trakkijiet tat-triq u li saru skont diżinn li kien jeżisti qabel id-dħul fis-seħħ taż-żewġ TSIs.

(3) Fis-16 ta' Diċembru 2009 l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea tat l-opinjoni teknika tagħha dwar it-talba għal deroga parzjali skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4].

(4) L-opinjoni tindika li d-dispożizzjonijiet ta' sitt taqsimiet tat-TSI għall-Vaguni tal-Merkanzija li jiddeskrivu l-armar tal-ġbid, l-irfigħ u l-iġġakkjar, żjidiet għal tagħmir, il-qisien ċinematiki, ir-reazzjoni dinamika tal-vettura u l-brejk tal-ipparkjar (fit-taqsimiet 4.2.2.1.2.2, 4.2.2.3.2.4, 4.2.2.3.2.5, 4.2.3.1, 4.2.3.4 u 4.2.4.1.2.8 rispettivament) ma jistgħux jiġu applikati għall-vaguni konċernati minħabba l-limitazzjonijiet fl-għamla tagħhom implikati mit-tip speċjalizzat ta' merkanzija ttrasportata. Fir-rigward tat-TSI għall-Istorbju u sabiex jilħqu l-prestazzjoni meħtieġa tal-brejkijiet, il-vaguni konċernati għandhom jużaw, flimkien ma' pads magħmula minn materjal kompost, pads tal-brejkijiet tal-ħadid fondut li huma aktar storbjużi. Għalhekk sakemm tkun disponibbli teknoloġija anqas storbjuża, il-limiti tal-istorbju waqt it-transitu (taqsima 4.2.1.1 tat-TSI) ma jistgħux jintlaħqu.

(5) L-impatt ekonomiku kumplessiv tal-applikazzjoni taż-żewġ TSIs, aktar speċifikament tat-taqsimiet 4.2.3.1 u 4.2.3.4 tat-TSI għall-Vaguni tal-Merkanzija, għall-vaguni tat-tip NA u AFA tal-kumpanija LOHR huwa stmat għal kważi EUR 204 miljuni. Dan l-ammont flimkien ma' rekwiżiti oħra li jkun jeħtiġilhom jiġu applikati sabiex ikunu ssodisfati t-TSIs mhux biss jikkompromettu b'mod kbir il-vijabbiltà ekonomika tal-proġett iżda jdewwem ħafna jew iġib fi tmiemha l-implimentazzjoni tiegħu.

(6) Id-deroga qed tingħata għal perjodu ta' żmien limitat li għandu jintuża mil-Lussemburgu sabiex iħaffef l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi xprunati mill-ispeċifikazzjonijiet armonizzati u f'konformità mat-TSIs konċernati.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-deroga parzjali mit-TSI għall-Istorbju u mit-TSI għall-Vaguni tal-Merkanzija mitluba mil-Lussemburgu fit-23 ta' Settembru 2009 għall-vaguni LOHR tat-tip NA u AFA skont l-Artikolu 9(1)(d) tad-Direttiva 2008/57/KE qed tingħata bil-limitazzjonijiet li ġejjin:

(a) fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-taqsima 4.2.1.1 tat-TSI għall-Istorbju, sakemm ma tkunx disponibbli soluzzjoni teknika sabiex tinkiseb il-konformità;

(b) fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-taqsimiet 4.2.2.1.2.2, 4.2.2.3.2.4, 4.2.2.3.2.5 (it-tip NA biss), 4.2.3.1, 4.2.3.4, 4.2.4.1.2.8 tat-TSI għall-Vaguni tal-Merkanzija, sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni riveduta tat-TSI għall-Vaguni tal-Merkanzija.

[1] ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1
[2] ĠU L 37, 8.2.2006, p. 1.
[3] ĠU L 344, 8.12.2006, p. 1.
[4] ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

Fi kwalunkwe każ, din id-deroga parzjali mhix valida għall-vaguni ta' dawn iż-żewġ tipi li jidħlu fis-servizz wara l-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell, l-26 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni
Siim KALLAS
Viċi President